Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 270/2011

tal-21 ta' Marzu 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu

(ĠU L 76, 22.3.2011, p. 4)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1099/2012 tas-26 ta' Novembru 2012	L 327	14	27.11.2012
►M2	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/490 tal-21 ta' Marzu 2017	L 76	8	22.3.2017
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/491 tal-21 ta' Marzu 2017	L 76	10	22.3.2017
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/465 tal-21 ta' Marzu 2018	L 78 I	1	21.3.2018
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/459 tal-21 ta' Marzu 2019	L 80	1	22.3.2019
►M7	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1163 tal-5 ta' Lulju 2019	L 182	33	8.7.2019

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 294, 10.10.2014, p. 54 (270/2011)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 270/2011

tal-21 ta' Marzu 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull tip, inklużi iżda mhux limitati għal:

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, ordnijiet ta' flus u strumenti oħra ta' ħlas;

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, djun u obbligi ta' dejn;

(iii) titoli negozjabbli, kemm pubbliċi kif ukoll privati, u strumenti ta' dejn, inklużi stokks u ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, kambjali, noti, mandati, obbligi u kuntratti derivattivi;

(iv) imgħax, dividendi jew dħul ieħor fuq jew li l-valur tiegħu jiġi minn jew huwa ġġenerat minn assi;

(v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, performance bonds jew impenji finanzjarji oħra;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz ta' kargu, poloz ta' bejgħ;

(vii) dokumenti li jagħtu prova ta' interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

(b) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew trattament ta' fondi bi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, l-ammont, il-post, id-drittijiet ta' proprjetà, il-pussess, il-karattru, id-destinazzjoni tagħhom jew bidla oħra li tippermetti li l-fondi jintużaw, inkluża l-ġestjoni ta' portafolli;

(c) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kwalunkwe tip, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;

(d) "iffriżar ta" riżorsi ekonomiċi' tfisser il-prevenzjoni tal-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod, inkluż, iżda mhux limitat għal, il-bejgħ, il-kiri jew l-ipotekar tagħhom;

▼B

(e) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għal, li huma l-proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn persuni li, kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, ġew identifikati bħala responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi Statali Eġizzjani, u minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom isiru disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom huwa, direttament jew indirettament, li jiġu evitati l-miżuri msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 hija pprojbita.

Artikolu 3

1. L-Anness I għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi kkonċernati.

2. L-Anness I għandu jinkludi wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 4

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikat fis-siti elettroniċi elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu adatti, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

(a) meħtieġa biex jintlaħqu l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni fiżiċi elenkati fl-Anness I, u l-membri tal-familja dipendenti fuqhom, inklużi ħlasijiet għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet għal servizzi pubbliċi;

▼B

(b) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet professjonali raġonevoli jew ir-rimbors ta' spejjeż assoċjati mal-forniment ta' servizzi legali;

(c) maħsubin esklussivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, sakemm l-Istat Membru konċernat ikun innotifika lill-Istati Membri oħrajn kollha u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom jikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika mill-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

2. L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1.

▼M1

Artikolu 5

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikat fis-siti elettroniċi elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, dment li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmi fl-Artikolu 2 ġie elenkat fl-Anness I, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw eskluživament sabiex jiġu ssodisfatti l-pretensjonijiet ggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 6

▼M1

1. L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

▼M1

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmi fl-Artikolu 2 ġie elenkat fl-Anness I; jew

(c) ħlasijiet dovuti taħt deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali mogħtija fl-Unjoni jew infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat,

dment li tali imgħax, dħul ieħor u ħlasijiet jiġu ffriżati f'konformità mal-Artikolu 2(1).

▼B

2. L-Artikolu 2(2) ma għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn jirċievu fondi ttrasferiti fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat, sakemm kwalunkwe żieda għal tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwar kwalunkwe tali transazzjoni mingħajr dewmien.

Artikolu 7

B'deroga mill-Artikolu 2 u sakemm ikun dovut ħlas minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I taħt kuntratt jew ftehim li ġie konklużminn, jew obbligu li rriżulta għall-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernati, qabel id-data li fiha dik il-persuna, entità jew korp ġew elenkati fl-Anness I, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikat fuq is-siti elettroniċi elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kondizzjonijiet li huma jqisu adatti, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun iddeterminat li:

(i) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi għandhom jintużaw għal ħlas minn persuna, entità jew korp elenkat fl-Anness I; u

(ii) il-ħlas ma jiksirx l-Artikolu 2(2);

(b) l-Istat Membru kkonċernat għandu, għall-inqas ġimgħatejn qabel l-għoti tal-awtorizzazzjoni, jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dik id-determinazzjoni u bil-ħsieb tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

Artikolu 8

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li jsiru disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi, imwettaq in buona fede fuq il-bażi li tali azzjoni tkun f'konformità ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jimplimentah, jew id-diretturi jew l-impjegati tiegħu, sakemm ma tingħatax prova li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew inżammu b'riżultat ta' negliġenza.

▼B

2. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2) ma għandhiex toħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li għamlu disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhomx raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru l-projbizzjoni inkwistjoni.

Artikolu 9

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:

(a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tista' tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati f'konformità mal-Artikolu 2(1), lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih jirrisjedu jew jinsabu, kif indikati fuq is-siti elettroniċi elenkati fl-Anness II, u għandhom jittrasmettu tali informazzjoni, direttament jew permezz tal-Istati Membri, lill-Kummissjoni; u

(b) jikkooperaw ma' dik l-awtorità kompetenti fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta jew riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta jew riċevuta.

▼M1

3. Il-Paragrafu 2 ma għandux iwaqqaf lil Stati Membri milli jiskambjaw dik l-informazzjoni, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, mal-awtoritajiet rilevanti tal-Eġittu u ta' Stati Membri oħra fejn ikun meħtieġ bil-fini li jassistu l-irkupru ta' assi misapproprjati.

▼B

Artikolu 10

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin immedjatament dwar il-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti disponibbli għalihom b'rabta ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni dwar problemi ta' ksur u infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.

Artikolu 11

Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li temenda l-Anness II abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Artikolu 12

1. Meta l-Kunsill jiddeċiedi li jissuġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 2(1), huwa għandu jemenda l-Anness I kif meħtieġ.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jkunu konċernati, direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna, entità jew korp jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

▼B

3. Meta jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew meta jiġu ppreżentati provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrivedi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u jinforma lill-persuna, entità jew korp konċernati kif meħtieġ.

4. Il-lista fl-Anness I għandha tiġi riveduta f'intervalli regolari u għall-inqas kull 12-il xahar mill-21 ta' Marzu 2011.

Artikolu 13

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li dawn ikunu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti magħmula lilhom.

Artikolu 14

F'dan ir-Regolament, fejn ikun hemm rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata jew li allura ssir komunikazzjoni mal-Kummissjoni, l-indirizz u d-dettalji l-oħra ta' kuntatt li għandhom jintużaw għal tali komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

Artikolu 15

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew bastiment taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew barra minnu li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe negozju mwettaq b'mod sħiħ jew parzjali fl-Unjoni.

Artikolu 16

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M6**

ANNESS I

A. Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)

	Isem (u kwalunkwe psewdonimu)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
1.	Mohamed Hosni Elsayed Mubarak	*Ex*-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 4.5.1928 Raġel	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-miżappropriazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni.
2.	Suzanne Saleh Thabet	Mart is-Sur Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, *ex*-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 28.2.1941 Mara	Assoċjata ma' Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, li huwa soġġett għal proċedimenti ġudizzjarji jew għal proċess ta' rkupru ta' assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-miżappropriazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni.
3.	Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak	Bin is-Sur Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, *ex*-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 26.11.1960 Raġel	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-miżappropriazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni.
4.	Heidy Mahmoud Magdy Hussein Rasekh	Mart is-Sur Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, bin l-*ex* President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 5.10.1971 Mara	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew għal proċess ta' rkupru ta' assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-miżappropriazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni, u assoċjata ma' Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak.
5.	Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak	Bin is-Sur Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, *ex*-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 28.12.1963 Raġel	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-miżappropriazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni.
6.	Khadiga Mahmoud El Gammal	Mart is-Sur Gamal Mahamed Hosni Elsayed Mubarak, bin l-*ex* President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 13.10.1982 Mara	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew għal proċess ta' rkupru ta' assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-miżappropriazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni, u assoċjata ma' Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak.

▼**M6**

	Isem (u kwalunkwe psewdonimu)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
15.	Mohamed Zohir Mohamed Wahed Garrana	*Ex*-Ministru tat-Turiżmu Data tat-twelid: 20.2.1959 Raġel	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji mill-awtoritajiet Eġizzjani fir-rigward tal-miżappropriazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni.
18.	Habib Ibrahim Habib Eladli	*Ex*-Ministru tal-Intern Data tat-twelid: 1.3.1938 Raġel	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji mill-awtoritajiet Eġizzjani fir-rigward tal-miżappropriazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni.
19.	Elham Sayed Salem Sharshar	Mart is-Sur Habib Ibrahim Eladli Data tat-twelid: 23.1.1963 Mara	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward tal-miżappropriazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni, u assoċjata ma' Habib Ibrahim Eladli.

B. Drittijiet tad-difiża u dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva taħt il-liġi Eġizzjana:

Id-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

Jirriżulta mill-Artikoli 54, 97 u 98 tal-Kostituzzjoni tal-Eġittu, l-Artikoli 77, 78, 124, 199, 214, 271, 272 u 277 tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu u l-Artikoli 93 u 94 tal-Att dwar l-Avukatura tal-Eġittu (il-Liġi Nru 17 tal-1983) li d-drittijiet li ġejjin huma garantiti taħt il-liġi Eġizzjana:

— lil kull individwu ssuspettat jew akkużat b'reat kriminali:

1. id-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju ta' kull att jew deċiżjoni amministrattiva;

2. id-dritt li jiddefendu ruħhom personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnhom stess jew, jekk ma jkollhomx mezzi biżżejjed biex iħallsu għall-assistenza legali, din għandha tingħatalhom b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

— lil kull individwu akkużat b'reat kriminali:

1. id-dritt li jiġu infurmati minnufih, b'lingwa li jifhmu u fid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tagħhom;

2. id-dritt għal biżżejjed żmien u l-faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża tagħhom;

3. id-dritt li jeżaminaw jew li jaraw li jiġu eżaminati xhieda kontra tagħhom u li jiksbu l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tagħhom taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tagħhom;

4. id-dritt li jkollhom assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunux jifhmu jew jitkellmu l-lingwa użata fil-qorti.

Applikazzjoni tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

1. Mohamed Hosni Elsayed Mubarak

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Mubarak ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

L-ewwel kawża

▼M6

Fis-27 ta' Ġunju 2013, is-Sur Mubarak ġie akkużat flimkien ma' żewġ individwi oħrajn b'miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u fis-17 ta' Novembru 2013 inbdew proċedimenti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Kajr. Fil-21 ta' Mejju 2014, dik il-Qorti kkundannat lit-tliet intimati. L-intimati kkuntestaw din is-sentenza quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni. Fit-13 ta' Jannar 2015, il-Qorti ta' Kassazzjoni annullat il-verdett u ordnat proċess mill-ġdid. Fil-proċess mill-ġdid, fl-4 u d-29 ta' April 2015, ġew ippreżentati eċċezzjonijiet bil-fomm u bil-miktub tal-partijiet. Fid-9 ta' Mejju 2015, il-Qorti Kriminali tal-Kajr ikkundannat lill-intimati, ordnat l-għoti lura tal-fondi miżapproprjati u ordnat il-ħlas ta' multa. Fl-24 ta' Mejju 2015, tressaq appell quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni. Fid-9 ta' Jannar 2016, il-Qorti ta' Kassazzjoni kkonfermat il-kundanni. Fit-8 ta' Marzu 2016, l-intimati laħqu ftehim fil-Kumitat ta' Esperti mwaqqaf bid-Digriet Nru 2873 tal-2015 tal-Prim Ministru. Dak il-ftehim ġie approvat mill-Kabinett tal-Ministri fid-9 ta' Marzu 2016. Dak il-ftehim ma tressaqx quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni għall-approvazzjoni finali mill-Prosekutur Ġenerali għaliex il-Kumitat ta' Esperti ma kienx il-kumitat kompetenti. Huwa miftuħ għall-intimati li jressqu talba għal ftehim lill-kumitat kompetenti, il-Kumitat Nazzjonali għall-Irkupru tal-Assi Barra mill-Pajjiż (NCRAA).

It-tieni kawża

L-investigazzjoni relatata mal-fatti tal-miżapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadha għaddejja. Il-Kunsill ma sab ebda indikazzjoni li d-drittijiet tad-difiża jew id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Mubarak ma ġewx rispettati.

3. Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Alaa Mubarak ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Ordni ta' ffriżar

Fit-28 ta' Frar 2011, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni li tipprojbixxi lis-Sur Alaa Mubarak u lil individwi oħrajn milli jiddisponu mill-assi u l-fondi tagħhom skont l-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-intimat, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak l-intimat. Fit-8 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kriminali kompetenti kkonfermat l-ordni ta' projbizzjoni. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, l-intimati għandhom id-dritt jikkuntestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Is-Sur Alaa Mubarak ma kkuntestax id-deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2011.

L-ewwel kawża

L-intimat ġie riferut flimkien ma' individwu ieħor lill-qorti tal-proċess (il-Qorti Kriminali tal-Kajr) fit-30 ta' Mejju 2012. Fis-6 ta' Ġunju 2013, il-Qorti bagħtet il-kawża lura lill-prosekuzzjoni pubblika għal aktar investigazzjonijiet. Wara l-konklużjoni tal-investigazzjonijiet, il-kawża reġgħet ġiet riferuta lill-qorti. Fil-15 ta' Settembru 2018, il-Qorti Kriminali tal-Kajr tat sentenza li permezz tagħha: (i) talbet lill-kumitat ta' esperti li kienet ħatret jikkumplementa r-rapport espert li kien ippreżenta lill-qorti f'Lulju 2018, (ii) ordnat l-arrest tal-intimati; u (iii) talbet li l-intimati jiġu riferuti lill-Kumitat Nazzjonali għall-Irkupru tal-Assi Barra mill-Pajjiż (NCRAA) bil-ħsieb ta' rikonċiljazzjoni possibbli. L-intimati kkuntestaw b'suċċess l-ordni ta' arrest u, wara mozzjoni ta' skwalifika tal-bord ġudizzjarju, il-kawża ġiet riferuta lil ċirkwit ieħor tal-Qorti Kriminali biex jiġu riveduti l-merti.

▼**M6**

It-tieni kawża

Fis-27 ta' Ġunju 2013, is-Sur Alaa Mubarak ġie akkużat flimkien ma' żewġ individwi oħrajn b'miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u fis-17 ta' Novembru 2013 inbdew proċedimenti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Kajr. Fil-21 ta' Mejju 2014, dik il-Qorti kkundannat lit-tliet intimati. L-intimati kkuntestaw din is-sentenza quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni. Fit-13 ta' Jannar 2015, il-Qorti ta' Kassazzjoni annullat il-verdett u ordnat proċess mill-ġdid. Fil-proċess mill-ġdid, fl-4 u d-29 ta' April 2015, ġew ippreżentati eċċezzjonijiet bil-fomm u bil-miktub tal-partijiet.

Fid-9 ta' Mejju 2015, il-Qorti Kriminali tal-Kajr ikkundannat lill-intimati, ordnat l-għoti lura tal-fondi miżapproprjati u ordnat il-ħlas ta' multa. Fl-24 ta' Mejju 2015, tressaq appell quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni. Fid-9 ta' Jannar 2016, il-Qorti ta' Kassazzjoni kkonfermat il-kundanni. Fit-8 ta' Marzu 2016, l-intimati laħqu ftehim fil-Kumitat ta' Esperti mwaqqaf bid-Digriet Nru 2873 tal-2015 tal-Prim Ministru. Dan il-ftehim ġie approvat mill-Kabinett tal-Ministri fid-9 ta' Marzu 2016. Dan il-ftehim ma tressaqx quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni għall-approvazzjoni finali mill-Prosekutur Ġenerali għaliex il-Kumitat ta' Esperti ma kienx il-kumitat kompetenti. Huwa miftuħ għall-intimati li jressqu talba għal ftehim lill-kumitat kompetenti, il-Kumitat Nazzjonali għall-Irkupru tal-Assi Barra mill-Pajjiż (NCRAA).

It-tielet kawża

L-investigazzjoni marbuta mal-fatti tal-miżapproprjazzjoni tal-fondi jew assi pubbliċi għadha għaddejja. Il-Kunsill ma sab ebda indikazzjoni li d-drittijiet tad-difiża jew id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Alaa Mubarak ma ġewx rispettati.

4. Heidy Mahmoud Magdy Hussein Rasekh

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sinjura Rasekh ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Ordni ta' ffriżar

Fit-28 ta' Frar 2011, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni li tipprojbixxi lis-Sinjura Rasekh u lil individwi oħrajn milli jiddisponu mill-assi u l-fondi tagħhom skont l-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-intimat, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak l-intimat. Fit-8 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kriminali kompetenti kkonfermat l-ordni ta' projbizzjoni. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, l-intimati għandhom id-dritt jikkuntestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Is-Sinjura Rasekh ma kkuntestatx id-deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2011.

Kawża

L-investigazzjoni marbuta mal-fatti tal-miżapproprjazzjoni tal-fondi jew assi pubbliċi għadha għaddejja. Il-Kunsill ma sab ebda indikazzjoni li d-drittijiet tad-difiża jew id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sinjura Rasekh ma ġewx rispettati.

5. Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Gamal Mubarak ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

▼M6

Ordni ta' ffriżar

Fit-28 ta' Frar 2011, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni li tipprojbixxi lis-Sur Gamal Mubarak u lil individwi oħrajn milli jiddisponu mill-assi u l-fondi tagħhom skont l-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-intimat, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak l-intimat. Fit-8 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kriminali kompetenti kkonfermat l-ordni ta' projbizzjoni. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, l-intimati għandhom id-dritt jikkuntestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Is-Sur Gamal Mubarak ma kkuntestax id-deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2011.

L-ewwel kawża

Is-Sur Gamal Mubarak u individwu ieħor ġew riferuti lill-qorti tal-proċess (il-Qorti Kriminali tal-Kajr) fit-30 ta' Mejju 2012. Fis-6 ta' Ġunju 2013, il-Qorti bagħtet il-kawża lura lill-prosekuzzjoni pubblika għal aktar investigazzjonijiet. Wara l-konklużjoni tal-investigazzjonijiet, il-kawża reġgħet ġiet riferuta lill-qorti. Fil-15 ta' Settembru 2018, il-Qorti Kriminali tal-Kajr tat sentenza li permezz tagħha: (i) talbet lill-kumitat ta' esperti li kienet ħatret jikkumplementa r-rapport espert li kien ippreżenta lill-Qorti f'Lulju 2018, (ii) ordnat l-arrest tal-intimati; u (iii) talbet li l-intimati jiġu riferuti lill-Kumitat Nazzjonali għall-Irkupru tal-Assi Barra mill-Pajjiż (NCRAA) bil-ħsieb ta' rikonċiljazzjoni possibbli. L-intimati kkuntestaw b'suċċess l-ordni ta' arrest u, wara mozzjoni ta' skwalifika tal-bord ġudizzjarju, il-kawża ġiet riferuta lil ċirkwit ieħor tal-Qorti Kriminali biex jiġu riveduti l-merti.

It-tieni kawża

Fis-27 ta' Ġunju 2013, is-Sur Gamal Mubarak ġie akkużat flimkien ma' żewġ individwi oħrajn b'miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u fis-17 ta' Novembru 2013 inbdew proċedimenti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Kajr. Fil-21 ta' Mejju 2014, dik il-Qorti kkundannat lit-tliet intimati. L-intimati kkuntestaw din is-sentenza quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni. Fit-13 ta' Jannar 2015, il-Qorti ta' Kassazzjoni annullat il-verdett u ordnat proċess mill-ġdid. Fil-proċess mill-ġdid, fl-4 u d-29 ta' April 2015, ġew ippreżentati eċċezzjonijiet bil-fomm u bil-miktub tal-partijiet. Fid-9 ta' Mejju 2015, il-Qorti Kriminali tal-Kajr ikkundannat lill-intimati, ordnat l-għoti lura tal-fondi miżapproprjati u ordnat il-ħlas ta' multa. Fl-24 ta' Mejju 2015, tressaq appell quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni. Fid-9 ta' Jannar 2016, il-Qorti ta' Kassazzjoni kkonfermat il-kundanni. Fit-8 ta' Marzu 2016, l-intimati laħqu ftehim fil-Kumitat ta' Esperti mwaqqaf bid-Digriet Nru 2873 tal-2015 tal-Prim Ministru. Dan il-ftehim ġie approvat mill-Kabinett tal-Ministri fid-9 ta' Marzu 2016. Dan il-ftehim ma tressaqx quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni għall-approvazzjoni finali mill-Prosekutur Ġenerali għaliex il-Kumitat ta' Esperti ma kienx il-kumitat kompetenti. Huwa miftuħ għall-intimati li jressqu talba għal ftehim lill-kumitat kompetenti, il-Kumitat Nazzjonali għall-Irkupru tal-Assi Barra mill-Pajjiż (NCRAA).

It-tielet kawża

L-investigazzjoni marbuta mal-fatti tal-miżapproprjazzjoni tal-fondi jew assi pubbliċi għadha għaddejja. Matul il-proċedimenti ta' investigazzjoni s-Sur Gamal Mubarak ġie interrogat. Il-Kunsill ma sab ebda indikazzjoni li d-drittijiet tad-difiża jew id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Gamal Mubarak ma ġewx rispettati.

6. Khadiga Mahmoud El Gammal

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sinjura El Gammal ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

▼M6

Ordni ta' ffriżar

Fit-28 ta' Frar 2011, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni li tipprojbixxi lis-Sinjura Khadiga El Gammal u lil individwi oħrajn milli jiddisponu mill-assi u l-fondi tagħhom skont l-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-intimat, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak l-intimat. Fit-8 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kriminali kompetenti kkonfermat l-ordni ta' projbizzjoni. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, l-intimati għandhom id-dritt jikkuntestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Is-Sinjura El Gammal ma kkuntestatx id-deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2011.

Kawża

L-investigazzjoni marbuta mal-fatti tal-miżapproprjazzjoni tal-fondi jew assi pubbliċi għadha għaddejja. Il-Kunsill ma sab ebda indikazzjoni li d-drittijiet tad-difiża jew id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sinjura El Gammal ma ġewx rispettati.

15. Mohamed Zohir Mohamed Wahed Garrana

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Garrana ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Kawża

L-investigazzjoni marbuta mal-fatti tal-miżapproprjazzjoni tal-fondi jew assi pubbliċi għadha għaddejja. Il-Kunsill ma sab ebda indikazzjoni li d-drittijiet tad-difiża jew id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Garrana ma ġewx rispettati.

18. Habib Ibrahim Habib Eladli

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Eladli ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

Kawża

Is-Sur Eladli ġie riferut mill-imħallef li mexxa l-investigazzjoni lill-qorti tal-proċess kompetenti fuq akkużi ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Fis-7 ta' Frar 2016, il-Qorti ddeċidiet li l-assi tas-Sur Eladli, tal-konjuġi tiegħu u tal-iben minorenni tiegħu għandhom jiġu ffriżati. Skont dik id-deċiżjoni tal-Qorti, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni ta' ffriżar fl-10 ta' Frar 2016 f'konformità mal-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-intimat, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak l-intimat. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, l-intimati għandhom id-dritt jikkuntestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Fil-15 ta' April 2017, il-Qorti kkundannat lill-intimat. L-intimat ikkontesta din is-sentenza quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni, li annullat il-verdett fil-11 ta' Jannar 2018 u ordnat proċess mill-ġdid. Il-proċess mill-ġdid għadu għaddej.

19. Elham Sayed Salem Sharshar

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sinjura Sharshar ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li fuq il-bażi tagħhom iddeċieda l-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari kif ġej:

▼**M6**

Ordni ta' ffriżar

Ir-raġel tas-Sinjura Sharshar ġie riferut mill-imħallef li mexxa l-investigazzjoni lill-qorti tal-proċess kompetenti fuq akkuża ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi. Fis-7 ta' Frar 2016, il-Qorti ddeċidiet li l-assi ta' żewġha, tagħha u dawk tal-iben minorenni tagħhom għandhom jiġu ffriżati. Skont dik id-deċiżjoni tal-Qorti, il-Prosekutur Ġenerali ħareġ ordni ta' ffriżar fl-10 ta' Frar 2016 f'konformità mal-Artikolu 208 bis/a tal-Att dwar il-Proċeduri Kriminali tal-Eġittu, li jippermetti li l-Prosekutur Ġenerali jipprojbixxi lill-intimat, lil martu u lit-tfal tiegħu milli jiddisponu mill-assi tagħhom jekk ikun hemm kwalunkwe dubju li tali assi jkunu r-rikavat illegali tad-delitti mwettqa minn dak l-intimat. Skont il-liġijiet tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, l-intimati għandhom id-dritt jikkuntestaw id-deċiżjoni tal-qorti dwar l-ordni ta' projbizzjoni quddiem l-istess qorti. Is-Sinjura Sharshar ma kkuntestatx id-deċiżjoni tal-Qorti.

▼B

ANNESS II

Lista ta' awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 4(1), fl-Artikolu 5(1), fl-Artikolu 7 u fl-Artikolu 9(1)(a) u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni

▼M7

IL-BELĠJU

https://diplomatie.belgium.be/nl/Beleid/beleidsthemas/vrede_en_veiligheid/sancties

https://diplomatie.belgium.be/fr/politique/themes_politiques/paix_et_securite/sanctions

https://diplomatie.belgium.be/en/policy/policy_areas/peace_and_security/sanctions

Il-BULGARIJA

https://www.mfa.bg/en/101

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

www.financnianalytickyurad.cz/mezinarodni-sankce.html

ID-DANIMARKA

http://um.dk/da/Udenrigspolitik/folkeretten/sanktioner/

IL-ĠERMANJA

http://www.bmwi.de/DE/Themen/Aussenwirtschaft/aussenwirtschaftsrecht,did=404888.html

L-ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA

http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519

IL-GREĊJA

http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html

SPANJA

http://www.exteriores.gob.es/Portal/en/PoliticaExteriorCooperacion/GlobalizacionOportunidadesRiesgos/Paginas/SancionesInternacionales.aspx

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/fr/autorites-sanctions/

IL-KROAZJA

http://www.mvep.hr/sankcije

L-ITALJA

https://www.esteri.it/mae/it/politica_estera/politica_europea/misure_deroghe

ĊIPRU

http://www.mfa.gov.cy/mfa/mfa2016.nsf/mfa35_en/mfa35_en?OpenDocument

IL-LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

IL-LITWANJA

http://www.urm.lt/sanctions

IL-LUSSEMBURGU

https://maee.gouvernement.lu/fr/directions-du-ministere/affaires-europeennes/mesures-restrictives.html

▼**M7**

L-UNGERIJA

http://www.kormany.hu/download/9/2a/f0000/EU%20szankci%C3%B3s%20t%C3%A1j%C3%A9koztat%C3%B3_20170214_final.pdf

MALTA

https://foreignaffairs.gov.mt/en/Government/SMB/Pages/Sanctions-Monitoring-Board.aspx

IN-NETHERLANDS

https://www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-sancties

L-AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

IL-POLONJA

https://www.gov.pl/web/dyplomacja

IL-PORTUGALL

http://www.portugal.gov.pt/pt/ministerios/mne/quero-saber-mais/sobre-o-ministerio/medidas-restritivas/medidas-restritivas.aspx

IR-RUMANIJA

http://www.mae.ro/node/1548IS

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/omejevalni_ukrepi

IS-SLOVAKKJA

https://www.mzv.sk/europske_zalezitosti/europske_politiky-sankcie_eu

IL-FINLANDJA

http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

L-IŻVEZJA

http://www.ud.se/sanktioner

IR-RENJU UNIT

https://www.gov.uk/sanctions-embargoes-and-restrictions

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

Il-Kummissjoni Ewropea
Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI)
EEAS 07/99
B-1049 Brussels, Belgium
Posta elettronika: relex-sanctions@ec.europa.eu